# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Numru 5/2018 SG**

**Amand Paul Veranneman**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi; u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2023, l-isem ġie jaqra Kummissarju tat-Taxxi u Dwana; u b'digriet tal-21 ta' Frar 2025 l-isem ġie korrett għal "Kummissarju tat-Taxxa u Dwana"**

**Illum, 28 ta' Frar 2025**

**It-Tribunal;**

**Ra** r-rikors ta' Amand Paul Veranneman ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2018, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

*Illi permezz ta' ittra datata 23 ta' Mejju 2018 ir-rikorrenti gie ordnat ihallas I-ammont ta' sitta u tletin elf tmien mija u hmistax-il ewro u hmistax il-centezmu (€36,815.15) u dan ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi dan l-ammont mhux dovut stante li l-appellant dejjem hallas dawk it-taxxi minnhu dovuti.*

*Ili I-esponenti qatt ma ircieva xi stima u/jew inghata xi opportunita sabiex jirribatti dak indikat fl-Ordni ta' Hlas sureferita.*

*Illi ghar-ragunijiet sureferiti r-rikorrenti jqis il l-ammont reklamat mil-Kummissarju mhux dovut u ihossu aggravat mid-decizjoni tal-konvenut appellat u qed jinterponi dan l-umili appell kontra I-istima li saret mil-intimat ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ili l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti fis-segwenti:*

*1. Il-Kummissarju konvenut kiser principji ta' gustizzja naturali u d-drittijiet fondamentali tal-esponenti billi:*

*a.* Naqas milli jaghti smiegh xieraq meta ma osservax il-principiu ta' gustizzja naturali, senjatament il-principiu tal-audi alterem partem:

*Il-Kummissarju tat-Taxxi ipproceda jghaddi jaghmel l-Ordni ta' Hlas minghajr ma informa lill-esponenti b'xi stima u dan hekk kif rikjest mil-Kap. 406. L-esponenti kellu jinghata opportunita jressaq provi il jidhirlu li L-Kummissarju kellu jiehu konjizzjoni taghhom. L-esponenti kellu ukoll jinghata r-ragunijiet tad-decizjoni u spjegazzjoni dettaljat ta' kif L-ammont tal-Ordni gie ikkalkolat; u*

*b. Naqas milli jaghti smiegh xieraq meta ma osservax il-principiu ta' gustizzja naturali, senjatament il-principiu tan-nemo iudex in causa propia:*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi ghadda sabiex jiddecieda t-taxxa dovuta lilu stess. Dan l-agir jikser id-dritt ta' smiegh xieraq tal-esponenti u dana peress li hadd ma ghandu jkun gudikant fil-kawza tieghu stess. Dan l-ezercizju kellu jsir minn terzi persuni jew entitajiet ohra.*

*2. Wasal ghal stima manifestament hazina:*

*Hekk kif sejjer ampjament jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana l-Appell, l-istima li saret m'ghandiex hjiel ta' korretezza u dan ghaliex l-appellanti dejjem hallas dak dovut minnhu.*

*GHALDAQSTANT u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex:*

1. *Jiddikjara l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq imsemmi bhala wiehed ultra vires u kontra d-dettami tal-principji ta' mgiba amministrattiva tajba u tal-principji ta' gustizzja naturali u tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti;*
2. *Jiddikjara li l-Ordni tal-Hlas hekk kif ikkomunikata lill-esponenti mil-Kummissarju tat-Taxxi appellat permezz tal-ittra datata 23 ta' Meju 2018 bhala nulla u minghajr effett legali; u*
3. *Konsegwentament ihassar u jirrevoka l-istess decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi sureferità.*

**Ra** r-risposta tal-intimat ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2018 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

*Illi l-appellant Amand Paul Veranneman, li jigesttixxi attività ekonomika bin-numru tar-registrazzjoni MT 1266-8123, ircieva dikjarazzjoni sabiex ihallas is-somma kumplessiva ta' €36,815.15. Tali ammont ikopri 17-il perjodu ta' taxxa tal-appellant bejn l-1 ta' Gunju 2010 u l-1 ta' Gunju 2016;*

*Illi din is-somma tikkonsisti f'taxxa ddikajarata mill-istess appellant Amand Paul Veranneman, fid-denunzji tat-taxxa tieghu, sottomessi minnu. Din it-taxxa ddikjarata minnu, sal-gurnata ta' lum ghar-ragunijiet li jaf l-appellat biss, ghadha ma thallsitx. Dan minkejja li l-esponenti hu tal-fehma li l-istess appellant kien qieghed*

*jigbor l-imsemmija taxxa minghand il-klijenti tieghu. X'gara minn dik it-taxxa migbura, l-appellant biss jista' jwiegeb dwarha. Dan kollu jikkonferma li l-appellant ma ottemporax ruhu mad-dettami tal-Artikolu 27 (1) (4). Ghaldaqstant, skattaw penali aministrattivi u l-interessi ope legis;*

*Illi I-Kummissarju tat-Taxxi biss ghandu l-awtorita' vestita sabiex jamministra d-disposizzjonijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk huwa ghandu l-obbligu il jigbor it-Taxxa dovuta lilu (kif ukoll interessi u penali amministrattiva talli dina t-Taxxa ma thallsitx). Li jezercita tali fakulta' vestita fih mill-legizlatur zgur il ma hu se jwassal ghall-ebda ksur fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem. U tali fakulta' ezercitata minnu ma tipprekludi lilhadd milli jfittex rimedji legali sanciti mill-istess Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;Illi l-Kummissarju tat-Taxxi umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex joghgbu jichad l-aggravji in toto u dana peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi l-Kummissarju tat-Taxxi bl-ebda mod ma kiser l-ebda' dritt jew l-ebda jedd tal-appellant. Dana peress li l-Kummissarju qieghed biss jigbor taxxa li hija dovuta skont id-denunzji ta' taxxa ddikkjarati mill-appellant Amand Paul Veranneman u mibghuta minnu fid-denunzji rispettivi;*

*Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq l-allegazzojni li l-Kummissarju tat-Taxxi hareg talba ghall-hlas minghajr ma informa lill-appellant bi stima u f'dan il-process allegatament kiser id-dritt tal-audi alteram partem peress li l-appellant allegatament ma nghatax ic-cans li jressaq il-provi tieghu.*

*Dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kienet saret l-ebda stima illi kienet mahruga fil-konfront tal-appellant. Li kieku saret stima, kif hekk allegat mill-appellant, il-process kien ikun ferm differenti kif inhuwa ben risaput minn dan l-Onorabbli Tribunal. Kieku l-ewwel kienet issir talba biex jigu prezentati d-dokumenti u wara issir investigazzjoni fuq dawk id-dokumenti. Jekk jirrizulta li kien hemm xi nuqqas ta' dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni zejda tat-taxxa, kienet tinhareg stima provizorja segwita bi stima u bid-drittijiet inerenti kollha tal-Kap 406. F'dan il-kaz ma sehh xejn minn dan, imma il-Kummissarju tat-Taxxi qieghed biss jigbor flus illi gew iddikjarati mill-appellant bhala dovuti fid-denunzji rispettivi. Dawn ghadhom pendenti sallum;*

*Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jilmenta li I-Kummissarju tat-Taxxi allegatament kiser il-principju ta' nemo iudex in causa propria u dana ghaliex skont hu, il-Kummissarju allegatament iddedieda l-ammont tat-taxxa dovuta lilhu stess. Dan l-aggravju huwa wkoll hekk infondat fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi I-Kummissarju ma hareg l-ebda stima imma qieghed jimxi biss fuq dak iddikkjarat mill-istess appellant u qieghed jippretendi li l-appellant jottempora ruhu u jhallas dak dovut minnu.*

*Intant, anke li kieku il-Kummissarju hareg stima, tali principju ta' smiegh xieraq ma giex mittiefes u dana peress illi huwa ghandu s-setgha mil-ligi illi jaghmel hekk ghaliex dmir fundamentali tieghu hu li jhares l-erarju pubbliku. L-operat tal-Kummissarju*

*kien tali kif sancit mill-istess ligi u ghalhekk huwa mexa u hares mad-detami tal-Kap 406. Tali agir ma ghandu jigi interpretatat kif qieghed jipprova jallegga l-appellant li l-Kummissarju kiser il-principju legali nemo iudex in causa propria;*

*Ghaldaqstant, l-appellat Kummissarju tat-Taxxi, filwaqt li jirriserva d-dritt li jipprezenta xhieda u/jew noti ohra jekk ikun hemm bzonn waqt it-trattazzjoni tar-rikors, jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad in toto it- talbiet kollha ta' l-appellant u joghgbu jikkonferma dak dovut mill-appellant u joghgbu jordnalu jhallas l-ammonti in kwistjoni;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellant.*

**Ra** li din il-kawża ġiet assenjata lil dan it-Tribunal hekk kif ippresedut;

**Sema'** x-xhieda;

**Ra** d-dokumenti kollha esebiti;

**Ra** l-ittra datata 23 ta' Mejju 2018 (a fol. 19 u 20 tal-proċess);

**Ra** l-komparixxi u l-verbal tal-ismijiet il-Pulizija vs Amand Paul Veranneman quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, bir-referenza numru 140/2013, mil-liema jirriżulta li l-kawża ġiet irtirata;

**Ra** s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) Rik. Nru 205/2019 fl-ismijiet Amand Paul Veranneman tal-24 ta' Ġunju 2021;

**Ra** s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Amand Paul Veranneman tat-12 ta' Mejju, 2022;

**Ra** n-nota tar-rikorrenti tat-2 ta' Ġunju 2023, li permezz tagħha ddikjara li t-talba tal-Kummissarju intimat għal dak li jirrigwarda ħlas ta' penali u taxxi għall-perjodu ta' qabel Mejju 2012 hija preskritta ai termini tal-Artikolu 58 tal-Kapitolu 406, u t-talba tal-Kummissarju intimat għal dak il jirrigwardaw interessi għall-perjodu ta' qabel Mejju 2013 hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (g) tal-Kodiċi Ċivili;

**Ra** in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentanta nhar it-2 ta' Ġunju 2023;

**Ra** n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat ippreżentata nhar l-20 ta' Ottubru 2023;

**Sema'** trattazzjoni orali;

**Ra** li r-rikors tħallas għal-lum għal sentenza finali;

**Ikkunsidra:**

**Provi Saljenti**

**Roberto Formosa** xehed nhar it-8 ta' Frar 2019 fejn spejga li fit-23 ta' Mejju, 2018 kienet intbagħtet talba lil Amand Veranneman fl-indirizz 59, Triq il-Madonna Taċ-Ċiċri, iż-Żebbug għall-ħlas għall-ammont ta' €36,815, li kienet riprodotta fl-istatement li kien anness ma' tali talba. Xehed li ntabgħtet bil-pink card u kellhom riferta pożittiva. Mistoqsi kif ġew komputati l-ammonti li kien hemm fl-istatement, huwa spjega li ġew komputati eżattament kif kien indikat fl-istatement, ċjoè taxxa, interessi u penali u t-totali tal-ammont dovut għal kull perjodu. Spjega li t-taxxa dovuta normalment tkun jew id-dikjarazzjoni li għamel it-taxpayer bir-return jew xi bilanċ li jibqa' kurrenti. Kompla jgħid li f'dak iż-żmien, l-inkarigu tiegħu ta' collection kien li jara l-bilanċ li huwa dovut u tinħareġ *demand notice* minn Sistema kompjuterizzata. Huwa ma kienx jaf jekk kinitx saret assessment fuq l-appellant. Mistoqsi jekk jarawx jekk ammonti humiex preskritti jew le, ix-xhud qal li jkun sar ċertu checking bħal jekk id-denunzja ntbagħtitx tard. Qal li jekk ma tintbagħatx fiż-żmien, il-preskrizzjoni tibda tgħodd mid-data ta' meta jiġu dovut l-istess denunzji. B'referenza għal kif jinħadmu interessi u penali, ix-xhud spejga li l-interessi u l-penali jinħadmu skont il-liġi.

Nhar il-5 ta' April, 2019 xehed **Roderick Zammit Randich** li spjega li Joseph Attard kien għamel il-kalkoli biex inħareġ *d-demand notice* u li l-ewwel perjodu li hemm inkluż fiha kien l-1 ta' Ġunju 2010. Huwa saħaq li kienu marru lura mill-ewwel tax period, għar-raġuni minħabba l-Artiklu 67, u ċjoè l-kwistjoni tal-appropriation, fejn meta jkun hemm bilanċ mhux imħallas mit-taxpayer, meta jsir pagament, ma jmurx fiż-żmien li jkun qed isir, imma jiġi approprijat biex l-ewwel jitħallsu l-interessi, imbagħad il-multi, imbagħad it-taxxa. Kien hemm bdil fir-rata tal-interessi, fejn bdew bil-1%, imbagħad 0.75%, sakemm minn Jannar 2014 waqgħu għal 0.54% kull xahar. Kompla li kien hemm ukoll short payment penalty, fejn meta ma jkunx hemm taxxa mħallsa, dik ir-return ma hijiex meqjusa li ġiet submitted, u tinħoloq tali Sistema u l-penalties incurred tista' tinkludi late return penalty li tinkludi wkoll is-short payment penalty, fejn ma jkunx issottometta l-pagament.

Xehed li bħala kolonni kienu mqassmin: Start date, u ċjoè meta beda, meta kienet due r-return u l-pagament, it-taxxa ddikjarata mit-taxpayer innifsu, il-penali li ġew inkorsi għal kull tax period, l-interessi, il-pagament li sar, u l-bilanċ meta tgħodd it-taxxa li kellha titħallas, il-penali u l-interessi biex jinħoloq il-bilanċ fuq kull tax period, biex kontrih imbagħad meta jsir pagament tapproprja kontra dak l-ammont. Żied li l-kolonna 'comments' turi x'kien qiegħed jiġri fejn kien hemm l-ewwel tliet tax periods huma tliet

tax periods li kienu mdaħħlin sew fiż-żmien, fil-ħin u mħallsin, kollox regolari. Mir-raba' wieħed, mill-1 ta' Settembru 1999 kien hemm 'return submitted without payment', 'payment transferred to this period', jiġifieri fil-ħmistax ta' April sar pagament ta' €121, però dak ma baqax għal dak il-perjodu, iżda ġie attribwit għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 1999. Kien hemm €100 li saru fil-15 ta' April 2000, iżda dik is-sistema ma ħallitux hemmhekk peress li t-tax period ta' qabel, kellhom €841.86, u minn tali ammont ma tħallas xejn. Saħaq illi dejjem kien qed jibqa' bilanċ, u fuq dak il-bilanċ kienet qed tiżdied ix-short payment penalty u l-interessi. Huwa qal li sa fejn kien jaf hu l-appellant kien jaf, għax kienu jinħarġu numru ta' statements, però ma kienx jaf meta ħarġu u qal li huwa seta' jivverifika.

**Joseph Attard**, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi xehed nhar it-12 ta' Lulju 2019 fejn spjega li huwa Manager, Debt Collection fi ħdan id-dipartiment. Muri fol 30 Dok. RZR 1, li kienet tinkludi lista, ix-xhud saħaq li l-lista saret minnu u turi r-returns li daħlu, l-pagamenti, l-penali u l-interessi li ġew inkorsi mit-taxpayer, kif ukoll il-perjodi għal kull tali return. Id-diskrepanza kienet ta' ftit ewros. Huwa kompla li b'referenza għall-ewwel tliet returns, il-pagamenti u r-returns daħlu fil-ħin u ma kienx hemm interessi u penali. B'referenza għar-raba' return, ir-return daħlet mingħajr il-pagament, u l-pagament li beda jidħol fuq ir-returns ta' wara bdew imorru kontra tali return sakemm jingħalaq l-ammont dovut fuq dik ir-return, u dik ir-return ħolqot interessi u penali. Xehed li baqgħu sejrin hekk għal kull return li segwew.

Spjega li fejn hemm NIL penalty ifisser li r-return tkun daħlet fil-ħin. Imma l-pagament tagħha jkun daħal, u mar jaqta' return ta' qabel li l-pagament tagħha ikun għadu ma ngħalaqx kollu u huwa proprju għalhekk, li filwaqt li jkun hemm l-interessi, il-penalty ma tkunx hemm. Kompla li fil-każ odjern, dak li l-Kummissarju tat-Taxxi kien qiegħed jitlob mill-appellant jinkludi ċ-ċifra li kienet tibqa' sejra lura għas-sena 1999, u ma hemmx kwistjoni ta' preskrizzjoni għaliex kienu ngħalqu qabel is-seba' snin. Huwa saħaq illi l-flus jiġu allokati skont il-liġi; huma joħorġu *ledger statements* ma' kull return sabiex it-taxpayer ikun jaf kif qegħdin jitqassmu l-flus li jintbagħat, però ma kienx jaf jekk tali sistema kinitx fis-seħħ fl-1999, imma saħaq li bħala taxpayer huwa kellu l-obbligu li jinforma ruħu skont il-liġi.

**Silvana Grech**, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Għawdex, ippreżentat kopja tal-komparixxi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Amand Paul Veranneman referenza numru 140/2013. Spjegat li din il-kawża kienet ġiet irtirata.

**Amanda Agius**, in rappreżentanza ta' BNF Bank, xehdet nhar it-12 ta' Lulju 2019 fejn preżentat kopja ta' ħames ċekkijiet li ħareġ Amand Veranneman, pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**Oliver Grech**, in rappreżentanza ta' APS Bank, xehed nhar it-12 ta' Lulju 2019, fejn ippreżenta statements tal-kontijiet, u kopja taċ-ċekkijiet li ħarġu pagabbli lid-Direttur tal-Inland Revenue li saru minn Caroline Veranneman, bil-karta tal-identità numru 0014565A bejn Ġunju tas-sena 2010 u Ġunju tas-sena 2016.

Xehdet **Caroline Veranneman** li kkonfermat illi ċ-ċekkijiet ippreżentati mill-APS Bank li kienu saru favur id-Dipartiment tal-VAT kienu saru minnha għan-nom ta' missierha.

**Amand Paul Veranneman** xehed permezz ta' affidavit maħluf minnu fid-19 ta' Jannar 2023, fejn spejga li rigward l-ammonti li kienu qegħdin jiġu mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perjodu sat-22 ta' Mejju 2013, hu mhux id-debitur tal-Kummissarju tat-Taxxi minħabba r-raġuni ġa msemmija fl-affidavit preżentat minnu, u anke minħabba illi ħafna żmien laħaq għadda, liema dikjarazzjoni saret ai termini tal-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Minkejja l-kontenut ta' dan l-affidavit, minn eżami tal-atti proċesswali, dan it-Tribunal ma ġiex a konjizzjoni ta' xi affidavit ieħor li għamel Amand Paul Veranneman nonostante li l-affidavit tiegħu maħluf fid-19 ta' Jannar 2023 jagħmel referenza għal xi affidavit preċedenti tiegħu.

**Ikkunsidra**:

**Il-fatti fil-Qosor huma dawn:**

Ir-rikorrenti rċieva ittra mingħand id-Dipartiment tal-Valur Miżjud ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta datata 23 ta' Mejju 2018, fejn ġie ordnat li jħallas is-somma ta' €36,815.15 rappreżentanti taxxa dovuta, imgħaxijiet u penali għall-perjodi mill-1 ta' Ġunju 2010 sal-1 ta' Ġunju 2016. Mal-ittra kien hemm Ledger Statement. Fl-ittra jingħad li l-Kummissarju kien qiegħed jinterpellah ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap 406 sabiex fi żmien ħamest ijiem iħallas.

F'din l-ittra, ġie dikjarat is-segwenti:

> "*According to the Department's records, the above mentioned VAT number has a tax balance of €36, 815.15 in respect of Value Added Tax Act (1998) (vide Statement of Taxpayer's Account attached).*
>
> *You are being requested to pay this amount within 5 days from receipt of this letter.*

*If payment is not effected, legal proceedings may be initiated against you, in order to recoup these funds. It is therefore in your interest to effect payment in order to avoid legal proceedings.*

*Professional and legal fees incurred will have to be paid by you.*

*This notice is also being issued in terms of Article 59 of Chapter 406 of the Laws of Malta.*"

L-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq il-fatt li r-rikorrenti kien qed iħallas ammonti b'mod frekwenti, iżda ma kienx notifikat li kien qed jinkorri imgħaxijiet u penali. Ilmenta li l-mekkaniżmu taħt id-dispożizjonijiet tal-Kap. 406 kienu tali li f'każ li tiġi denunzjata t-taxxa, iżda ma jsirx il-ħlas kollu kontra l-istess denunzja fiż-żmien stipulat, kienet tinħareġ penali u jibdew jiddekorru l-interessi filwaqt li kwalsiasi ħlas sussegwenti li kien isir, kien l-ewwel imur favur il-bilanċ pendenti mbagħad jgħaddi għal fuq dak iddenunzjat. Ir-rikorrenti lmenta li huwa qatt ma kien ingħata bilanċ ta' dak li kien dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, u għalhekk ir-rikorrenti kien taħt l-impressjoni li dak il-ħlas kien qed imur kontra d-denunzja li jkun għamel, meta fil-verità dak il-pagament kien qed imur għall-pendenzi li kien hemm. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrenti jisħaq li dan l-Artikolu 67 tal-Kap. 406 ġie sussegwentement emendat fl-2014 fis-sens li l-ħlasijiet li jsiru mad-denunzja jmorru kontra l-istess denunzja, u mhux versu l-pendenzi.

Fl-isfond ta' dan kollu, ir-rikorrenti sostna li għalkemm huwa jirrikonoxxi li kien obbligu tiegħu li jkun jaf kif jaħdem il-mekkaniżmu tal-Artikolu 67 tal-Kap. 406, l-intimat kellu l-obbligu li kull darba li r-rikorrenti jiġi mmultat, jiġi infurmat b'dan. Saret insistenza li r-rikorrenti tħalla dejjem fl-għama, u qatt ma ntalab iħallas interessi jew penali, u dan minkejja li effettivament kien qed jiġi mmultat erba' darbiet fis-sena, u ċjoè darba ma' kull denunzja. Insista wkoll li d-dewmien tal-intimat li jinnotifika lir-rikorrenti dwar il-penali għal numru ta' snin kabbar l-inġustizzja tas-sitwazzjoni, peress li skont ir-rikorrenti mhuwiex raġonevoli li l-penali titħalla takkumula fuq perjodi tant twal, mingħajr mar-rikorrenti jingħata avviż xieraq.

Ir-rikorrenti qajjem ukoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni fejn sostna li l-intimat mar *ultra vires* meta inkluda pagamenti li kienu preskritti fid-demand note tiegħu tat-23 ta' Mejju 2018. Ġie sostnut li ai termini tal-Artikolu 58 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-perjodu ta' preskrizzjoni għal dak li jirrigwarda taxxi u penali huwa dak ta' sitt snin. Ġie argumentat li dan l-artikolu jitkellem biss fuq taxxi dovuti u penali, it-terminu ta' preskrizzjoni għal dak li jirrigwarda l-interessi huwa dak stabbilit taħt il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ibbaża dan l-argument fuq il-prinċipju *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus* u *ubi lex voluit dixit., ubi noluit tacuit.* Sostna li għalhekk il-perjodu tal-preskrizzjoni għal dak li jirrigwarda

interessi fuq it-taxxa huwa ta' ħames snin. Ġie argumentat li t-talba għall-ħlas intbagħtet fit-23 ta' Mejju 2018 u għalhekk ma hux dovut l-ebda ħlas għall-perjodu ta' qabel it-23 ta' Mejju 2012. F'dak li jirrigwarda ħlasijiet ta' bejn it-23 ta' Mejju 2012 u t-23 ta' Mejju 2013 huma dovuti bit-taxxi u penali u ma humiex dovuti interessi.

Daparti tal-intimat, ġie argumentat li l-intimat beda din l-azzjoni peress li r-rikorrenti naqas li jħallas €24,815.44ċ f'taxxa ddikjarata minnu fid-denunzji tat-taxxa tiegħu, u dana minkejja li tali taxxa kienet già miġbura minnu, imma mhux mgħoddija lill-intimat hekk kif tirrikjedi l-liġi. Intqal li r-rikorrenti inkorra multi ammontanti għal €2,291.63ċ u interessi ammontanti għal €9,708.08ċ. Spjega li l-ammont globali mitlub ta' €36,815.15ċ ikopri sbatax(17)-il perjodu ta' taxxa tar-rikorrenti għall-perijodu bejn 1 ta' Ġunju 2010 u l-31 ta' Awwissu 2016. L-intimat saħaq li fl-1 ta' Jannar 2014 l-Artikolu 67 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat u l-allokament tal-pagamenti li saru minn dik id-data 'l quddiem saru skont id-dettami ta' kif ġie emendat dan l-Artikolu. Ġie kjarifikat li d-differenza li ġabet magħha din l-emenda hija li l-pagatur tat-taxxa qed jingħatalu perjodu ta' sitt xhur biex jottempora ruħu mal-fisku. Inoltre, pagatur tat-taxxa qed jingħata l-possibilità li jagħmel talba li l-ħlas li jakkumpanja dik il-formula jitqies li sar akkont it-taxxa ddikjarata, però din it-talba ma tkunx valida kemm-il darba ssir aktar tard minn sitt xhur miż-żmien stipulat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 406 tal-Lġijiet ta' Malta li fih għandha tintbagħat id-denunzja jew in-notifika tal-ħlas. Intqal li mill-ispreadsheet esebita minn Roberto Formosa, il-kont tar-rikorrenti kien trattat korrettament skont il-liġi viġenti fiż-żmien relattiv, b'dana li hemm kalkoli fejn il-pagamenti kienu allokati skont id-dettami oriġinali, u oħrajn li huma lil hinn mill-1 ta' Jananr 2014 li ġew trattati skont id-dettami l-ġodda tal-Artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-intimat issottolinja li skont ix-xhieda mogħtija minn Joseph Attard, ir-rikorrenti kellu obbligu li jsaqsi lid-dipartiment, u kien jirċievi ledger statements bl-ammont li hemm ma' kull return. L-intimat saħaq li r-rikorrenti naqas li jressaq prova dwar x'ġara mit-taxxa dikjarata minnu u li ma ġietx debitament mgħoddija lill-intimat. L-intimat argumenta li r-rikorrenti nnifsu ddikjara li ġabar l-ammont ta' taxxa, imma naqas li jħallashom lill-Kummissarju fil-ħin, u per konsegwenza daħal fis-seħħ id-dettami tal-Artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Insista wkoll li r-rikorrenti qatt ma kkontradixxa l-kalkoli ppreżentati mill-intimat ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie sostnut li d-dokument datat 23 ta' Mejju 2018 kien avviż formali maħruġ ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap2. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ma jinħariġx kif ġieb u laħaq, iżda jkun mezz aħħari meta l-pagatur tat-taxxa jkun persistentement naqas milli jirregola l-pożizzjoni fiskali tiegħu.

Dwar il-kwistjoni sollevata rigwardanti preskrizzjoni, l-intimat insista li tali eċċezzjoni tqajmet f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bil-mod formali proċedurali. Għalhekk, ġie argumentat li tali argumentazzjoni għandha tiġi skartata. Intqal ukoll li f'każ li t-Tribunal iqis li tali eċċezzjoni ġiet mogħtija proċeduralment b'mod korrett, din l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma treġix għaliex l-Artikolu 2156(g) tal-Kap. 16 jitkellem dwar azzjonijiet tal-Gvern għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra u għalhekk interessi għandhom jiġu regolati b'liġi speċjali, u ċjoè l-liġi fiskali.

**Ikkunsidra**

Dan it-Tribunal iqis li fir-rikors promotur, ir-rikorrenti semma bħala aggravvji li l-intimat kiser prinċipji ta' ġustizzja naturali u drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, peress li naqas milli jagħti smigħ xieraq meta ma osservax il-prinċipji tal-*audi alterem partem* u *nemo iudex in causa propria*, u peress li wasal għal stima manifestament ħażina. Madanakollu, man man li beda jinstema' dan il-każ, ir-rikorrenti b'mod partikolari fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, għamel biss referenza għal ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, stante li allegatament inżamm fl-għama dwar dak li kien qed jiġri u għal preskrizzjoni.

Dwar l-aggravju tal-ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, dan it-Tribunal iqis li r-rikorrenti ma ressaqx provi sabiex b'xi mod jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li huwa ma kienx jaf li ma' kull denunzja kien qed jiġi ppenalizzat b'multi u interessi. Kien jinkombi fuqu li jkun konsapevoli dwar kif jaħdem il-mekkaniżmu tal-Artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, irriżulta mix-xhieda ta' Joseph Attard li r-rikorrenti kien konsapevoli li kellu pendenzi mal-intimat, u kien ukoll jirċievi ledger statements bl-ammont li hemm ma' kull return. Dan it-Tribunal iżomm f'moħħu li r-rikorrenti nnifsu ddikjara li ġabar l-ammont ta' taxxa, imma naqas li jħallashom lill-Kummissarju fil-ħin, u kien għalhekk li per konsegwenza daħal fis-seħħ dak li jistipola l-Artikolu 67 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan it-Tribunal ma jistax jikkonsidra li l-allegazzjoni li ressaq ir-rikorrenti li huwa dejjem tħalla fl-għama, hija waħda veritiera. Apparti minn hekk, kien jinkombi fuqu li semmai jressaq xi provi f'dan ir-rigward — ħaġa li naqas li jagħmel. Ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lir-rikorrenti milli jitlob verifiki mal-intimat jew rappreżentanti tiegħu bil-għan li jkun jista' jieħu miżuri korrettivi u jindirizza l-pendenza fil-pront.

Dwar il-kwistjoni ta' preskrizzjoni, dan it-Tribunal iqis li huwa minnu li dan ma tqajjimx bħala aggravju formalment fir-rikors promotur. Nonostante dan, fid-19 ta' Jannar 2023 sar verbal fejn il-legali tar-rikorrenti ssottometta li r-rikorrenti jqis li l-pendenzi mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi ghall-perjodu mit-22 ta' Mejju 2013 lura huma maħkuma bil-preskrizzjoni. Inoltre, fit-2 ta' Ġunju 2023, ġiet ippreżentata nota mir-rikorrenti fejn ġie speċifikat li in linea ma' dak già vverbalizzat

fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2023 it-talba tal-Kummissarju intimat għal dak li jirrigwarda ħlas ta' penali u taxxi għall-perjodu qabel Mejju 2012 hija preskritta ai termini tal-Artikolu 58 tal-Kapitolu 406 u t-talba tal-Kummissarju intimat għal dak li jirrigwardaw interessi għal perjodu ta' qabel Mejju 2013 hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(g) tal-Kodiċi Ċivili.

It-Tribunal ma jqisx li l-argument imressaq mill-intimat fis-sens li l-preskrizzjoni ma ġietx sollevata fir-rikors promotur, u per konsewgenza għandha tiġi skartata tali kwistjoni, għandu jiġi milqugħ minn dan it-Tribunal. Dan qed jingħadd, peress li għalkemm l-argument tal-preskrizzjoni ma kienx indikat fir-rikors promotur, matul is-smigħ ta' din il-kawża, il-preskrizzjoni ġiet invokata kemm f'verbal kif ukoll f'nota ppreżentata mir-rikorrenti u inserita fl-atti proċesswali. Kif inhu ben risaput, kwistjoni ta' preskrizzjoni tista' tiġi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-kawża (Vide f'dan ir-rigward is-sentenza mogħtija fid-9 ta' Mejju 2004 mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma vs Quattromani Joseph). Għaldaqstant, dan it-Tribunal sejjer jeżamina tali argumentazzjoni mressqa dwar preskrizzjoni.

Dan it-Tribunal fela d-dispożizzjonijiet viġenti dwar preskrizzjoni.

Infatti, l-Artikolu 58 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li:

*(1) Tista' ssir kawża għal kull taxxa u għall-penali aministrattiva taħt dan l-Att sabiex dawn jinġabru, skont ma jeħtieġ il-każ fil-qorti kompetenti ta' kompetenza ċivili.*

*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), il-Kummissarju jista' jibda azzjoni għall-ħlas ta' kull taxxa u ta'penali amministrattiva f'kull żmien matul sitt snin mid-data meta dik it-taxxa jew penali amministrattiva kellhom jitħallsu.*

*(3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) jitwaqqaf b'nota ta'talba għall-ħlas dovut mibgħuta b'posta reġistrata jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' nota fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew aktar ta'kuljum mill-Kummissarju fejn jiddikjara li sar avviż għal ħlas, jew b'att ġudizzjarju li jiġi preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fih jintalab il-ħlas tal-ammont dovut.*

Huwa mill-aktar evidenti li l-perjodu ta' preskrizzjoni għal dak li jirrigwarda taxxa u penali amministrattiva huwa dak ta' sitt snin mid-data meta dik it-taxxa jew penali amministrattiva kellhom jitħallsu.

Dwar imbagħad it-terminu ta' preskrizzjoni relattiva għall-interessi, ir-rikorrenti jistrieħ fuq l-Artikolu 2156(g) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoè preskrizzjoni ta' ħames snin. Mill-banda l-oħra, l-intimat iqis li ġaladarba hemm liġi speċjali, u ċjoè dik fiskali, it-terminu preskrittiv dwar l-interessi fuq it-taxxa kellu jkun l-istess bħal dak stipulat fil-liġi fiskali.

Dan it-Tribunal jagħmel referenza għal dak li qal l-istess Tribunal hekk kif diversament ippresedut fir-rikors numru 105/12VG, fl-ismijiet XXX Vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud deċiża fit-28 ta' Frar 2017, fejn il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kien eċċepixxa illi t-talba tar-rikorrenti għar-refużjoni tat-taxxa kienet preskritta bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dik il-kawża kien ġie argumentat li l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jispeċifikax terminu ta' preskrizzjoni għall-aggravju imsemmi mis-soċjetà Rikorrenti, u għaldaqstant fin-nuqqas ta' tali terminu ta' preskrizzjoni, għandhom jidħlu in vigore l-Artikoli tal-Liġi Ġenerali biex jimlew din il-lacuna. It-Tribunal spjega s-segwenti:

"*Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkontendi li l-azzjoni tas-socjetà Rikorrenti ghar-refuzjoni tat-taxxa minnha pretiza hija preskritta bid-dekors ta' hames snin previst fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema terminu ta' zmien huwa applikabbli peress illi l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jipprovdi xejn fir-rigward ta' meta taxpayer ghandu jipprocedi gudizzjarjament fil-konfront tal-Kummissarju ghad-determinazzjoni tad-dritt ghar-refuzjoni ta' taxxa fin-nuqqas ta' hlas da parte ta' l-istess Kummissarju.*

*Minn ezami ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta konfermat dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxi u cioè li il-Kap. 406 (il-Ligi specjali dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma tispecifikax terminu ta' preskrizzjoni ghall-aggravju imsemmi mill-appellant, u ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali terminu ta' preskrizzjoni, ghandhom jidhlu in vigore l-artikoli tal-Ligi generali biex jimlew din il-lakuna…* ***Huwa fatt indubitat li kwistjonijiet pendenti bejn tnejn min-nies, anke fejn parti minnhom tkun Dipartiment tal-Gvern, ma jistghux jibqghu pendenti ad infinitum u dana peress illi dejjem jehtieg li fl-ahhar mill-ahhar ikun hemm certezza tar-rapporti guridici.*** *Huwa ghalhekk li anke fejn jidhlu kwistjonijiet bejn it-taxpayer u l-Kummissarju tat-Taxxi kontemplati fl-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta (ad eskluzzjoni tal-kwistjoni kontemplata fis-subparagrafu (k) ta' dak l-artikolu tal-Ligi ghaliex kif osservat f'dan il-kaz il-ligi timpani terminu perentorju entro liema ghandha tittressaq ir-referenza da parte tat-taxpayer) ghandu jkun hemm terminu ta' zmien preskrittiv entro liema t-taxpayer huwa mehtieg li jressaq tali referenza u dana b'rispett lejn il-principju generali li l-preskrizzjoni hi sostantivament kollokata mal-meritu tat-talba, rikonoxxuta fl-interess pubbliku bl-iskop li jigi eliminat il-kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt, u rikjesta wkoll mill-esigenza li tigi assikurata certezza fir-rapporti guridici. Hi allura mod ta' estinzjoni tad-drittijiet rikondotta ghall-ideja tar-rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt. Li jfisser illi l-Qorti hi fid-dmir li taccerta ruhha jekk il-meritu jinsabx affettwat mill-fatt illi l-pretendent tat-talba kienx jaf bl-istat ta' fatt li kien jintitolah jezercita dritt u hu halla dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma agixxa ghad-*

*dritt tiegħu, fiż-żmien utli. Cirkostanza din li tincidi fuq il-meritu jekk jinsab illi bl-inazzjoni tiegħu huwa gie li rrinunzja għall-prosegwiment tad-dritt.* ***Ladarba l-Ligi specjali ma tipprovdi għal ebda terminu, għandhom għalhekk japplikaw it-termini ta' preskrizzjoni kontemplati fil-Ligi generali, ossia fil-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-principji guridici li jirregolaw tali istitut.***" (enfażi miżjud minn dan it-Tribunal)

It-Tribunal jagħmel tiegħu dan l-insenjament, u jqis li stante li fil-każ odjern, ma ġie indikat l-ebda Artikolu fil-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda preskrizzjoni konċernanti interessi fuq it-taxxa, il-preskrizzjoni applikabbli kellha tkun dik ta' ħames snin.

Fiċ-ċirkostanzi, dan it-Tribunal iqis li l-kalkoli magħmula mill-intimat hekk kif riżultanti mid-dokumenti esebiti a fol 19 u 20 tal-proċess, jinkludu ammonti li huma preskritti. Dana b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam ma' talba għall-ħlasijiet li jkopru perjodu qabel it-23 ta' Mejju 2012 u kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam ma' ħlasijiet ta' interessi għall-perjodu bejn it-23 ta' Mejju 2012 u t-23 ta' Mejju 2013.

Tenut kont ta' dan kollu, dan it-Tribunal iqis għalhekk li għar-raġunijiet hawn fuq esposti, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 58 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 2156(g) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iqis li partijiet mill-kalkoli kontenuti fl-ordni tal-ħlas ikkomunikata lir-rikorrenti mill-Kummissarju intimat datata 23 ta' Mejju 2018 jirrigwardaw talbiet li huma preskritti u għaldaqstant, dan it-Tribunal qiegħed jilqa' t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti filwaqt li jirrakomanda lill-Kummissarju intimat biex jerġa' jagħmel il-kalkoli kollha tiegħu fid-dawl ta' dak deċiż minn dan it-Tribunal inkwantu għandu x'jaqsam ma' termini preskrittivi.

Jordna li l-ispejjeż relattivi għal din il-kawża jiġu sopportati mill-intimat.

Jordna li ai termini tal-liġi viġenti taħt il-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lir-rikorrenti u lill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**